MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 167/2012

**Spinola Development Company Limited (C331)**

**vs**

**Irina Sedova**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici Spinola Development Company Limited ipprezentat nhar is-sebgha (7) ta' Mejju 2012 fejn talbet lill-konvenuta Irina Sedova thallasha s-somma komplessiva ta' ghaxart elef, mija u sitta u hamsin Ewro u ghaxar centezmi (€10,156.10) in kwantu ghas-somma ta' elfejn, sebgha mija u tnejn u tmenin Ewro u dsatax-il centezmu (€2,782.19) rapprezentanti l-hlas dovut ghall-energija ikkonsmata minnha fl-appartament taghha 2372, Portomaso Apartments, Portomaso, San Giljan, lilha

fatturat bejn il-perjodu ta’ Marzu 2011 u Marzu 2012 (vide. Dok. A – anness), kwantu ghas-somma ta’ hamest elef sitt mija u sbatax-il Ewro u erbgha u tletin centezmu (€5,617.34) rapprezentanti l-prezz ta’ *common costs* dovuti fir-rigward tal-appartament imsemmi ghas-snin 2011 u 2012 u *service charge* dovuti fir-rigward tal-appartament imsemmi ghas-sena 2010 (vide Dok B – anness), kwantu ghas-somma ta’ elf, tlett mija u tmienja u tletin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,338.59) rapprezentanti l-prezz ta’ *extras* dovuti minnha skont kif jirrizulta ahjar mill-anness prospett li qieghed jigi mmarkat bhala Dok C, u kwantu ghas-somma ta’ erbgha mija u sbatax-il Ewro u tmienja u disghin centezmu (€417.98) rapprezentanti l-prezz ta’ *common costs* dovuti minnha skont kif jirrizulta ahjar mill-anness prospett mmarkat bhala Dok D, liema somma komplessiva l-konvenuta baqghet ma hallsitx nonostante diversi interpellazjonijiet li sarulha, u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-hlas effettiv.

Rat illi l-konvenuta giet notifikata permezz ta’ l-affissjoni gewwa r-residenza moghtija fir-rikors promutur, fl-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan u fil-Kunsill Lokali ta’ San Giljan u dan nhar it-30 ta’ Ottubru 2012 kif jirrizulta mit-timbri tal-Marixxal John Francica a fol 16 tergo tal-process.

Rat illi l-konvenuta giet ukoll notifikata permezz ta’ avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern nhar is-6 ta’ Novembru 2012 skond kopja ta’ l-istess li tinsab esebita fl-atti a fol 17 tal-process.

Rat ukoll illi l-konvenuta giet notifikata permezz ta’ avviz li deher pubblikat fil-gazzetta lokali msejha The Malta Independent nhar l-20 ta’ Novembru 2012 liema kopja tinsab esebita fl-atti.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2012 il-konvenuta ma dehritx u ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba attrici.

Rat illi dakinhar tat-28 ta’ Novembru 2012 l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu li bih xtaq jipprova li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici.
Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2013 il-konvenuta ma dehritx in subizzjoni sabiex tikkontesta t-talba attrici.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li qed tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u qed tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef mija u sitta u hamsin Ewro u ghaxar centezmi (€10,156.10) u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta u dan bl-imghaxijiet skond il-Ligi mid-data ta’ l-ewwel notifika ta’ l-att gudizzjarju lill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------